MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Numru. 245/2007

Il-Pulizija
(Sp Silvio Valletta)
vs
Diego Grixti, iben Henry, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ Novembru, 1985

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
a. talli fil-25 ta’ Marzu, 2007, f’xi ħin bil-lejl, ġewwa l-Belt, Valletta kkometta serq ta’ diversi oġġetti minn ġewwa fond ‘The Stables’, Triq l-Inġiniera, Valletta liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-mitt lira maltin iżda anqas minn elf lira maltin u li sar għad-dannu ta’ Jason Azzopardi;
b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema

ħsara teċċedi l-Lm500 u li saret għad-dannu ta' Jason Azzopardi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Novembru, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
1. fl-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar, 2009 fejn il-parte ċivile nfurmat lill-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut u għalhekk ma għandhiex aktar interess f'din il-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281 u 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------